**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 339/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**vs**
**Alan Galea**

**Illum 24 t'Ottubru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Alan Galea, ta' 39 sena, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 347878M;

Akkuzat talli nhar bejn Novembru 2018 u Jannar, 2018 f'dawn il-gzejjer;

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba kariga jew servizz tieghu, li jammonta ghal aktar minn €500 imma inqas minn €5000 ghad-dannu tal-kumpanija Swift Projects u/jew Stephen Xiberras u/jew Christopher Desira;

Barra minn dan, l-imputat Alan Galea huwa akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 24 t'Ottubru, 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali tal-imputat, stima tal-Arjakon, stima tal-Arjakon, current incident report datat 15 ta' Jannar, 2018, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali, stqarrija u l-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat fis-seduti precedenti, ghadda diversi ammonti ta' flus lill-PL Mario Buttigieg ghan-nom tal-klijent tieghu u li fl-24 t'Ottubru, 2019 minghajr pregudizzju ghall-ezitu ta' din il-kawza ddikjara li kwalunkwe pendenza civili giet solvuta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar l-24 t'Ottubru, 2019.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat solva l-problemi kollha civili mal-parti leza. Il-Qorti ma tarax li l-piena ta' habs f'dan l-istadju tkun idoneja.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-Artikoli 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati u tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tillibera lill-imputat b'dan li m'ghandu jaghmel l-ebda reat iehor sa zmien tlett (3) snin millum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**